

Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11125/1/23
REV 1

ECOFIN 655
UEM 189
SOC 480
EMPL 331
COMPET 676
ENV 754
EDUC 268
RECH 300
ENER 391
JAI 901
GENDER 132
ANTIDISCRIM 126
JEUN 170
SAN 407

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2023: Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2023 u li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati – Adozzjoni

Fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2023, fl-24 ta' Mejju 2023 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill, għal 27 Stat Membru, Rakkomandazzjonijiet għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2023 u li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza 2023 aġġornati.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jgħaqqu flimkien rakkomandazzjonijiet ekonomiċi u dwar l-impjieg, abbażi tal-Artikoli 121(2) u 148(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ma' opinjonijiet tal-Kunsill dwar programmi ta' stabbiltà u konverġenza, abbażi tal-Artikoli 5(2) u 9(2) tar-Regolament 1466/97 u, f'ċerti każijiet, ma' rakkomandazzjonijiet dwar il-parti preventiva tal-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi (MIP) skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament 1176/2011.

B'kont meħud li r-rakkomandazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 148(4) TFUE jagħmlu parti integrali mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u li l-kontenut tagħhom huwa marbut inseparabbilment ma' dak li jikkorrispondi għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-proċedura skont l-Artikolu 121(2) TFUE għandha tapplika għaż-żewġ partijiet tar-rakkomandazzjonijiet.

Il-Kunsill iddiskuta l-kontribut dwar l-aspetti tal-politika tal-impjieg u dik soċjali ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet fit-12 ta' Ġunju 2023, u l-kontribut dwar l-aspetti ekonomiċi, finanzjarji u relatati mal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku, inkluż nota li tispjega l-emendi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni introdotti mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 2-ab(2) tar-Regolament 1466/97, fis-16 ta' Ġunju 2023, soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni dwar it-testi fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023, u r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti ġiet iffinalizzata.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill jiddeċiedi li jadotta bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss:

- It-testi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, kif jinsabu fid-dokument ST 9903/1/23 REV 1, u n-nota ta' spjegazzjoni li takkumpanjahom, kif tinsab fid-dokument ST 9902/1/23 REV 1.